MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 202/2010

**A B u
C B**

**vs**

**D E, F G,
H B u Direttur tar-
Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ippremettew :

1. Illi l-esponenti twieldu minn relazzjoni extra maritali bejn ommhom il-konvenuta D E u l-konvenut l-iehor F G (certifikat tat-twelid numru 3179/1953 anness), u li jgibu l-isem ta' A B u C B li twieldu fit-30 ta' Novembru 1984 u fit-13 ta' Frar 1992 rispettivament u dan kif jirrizulta

mill-annessi certifikati tat-twelid immarkati bhala Dok A u Dok B;

2. Illi l-esponenti A B u C B ilhom jafu li ma humiex il-wild naturali ta’ H B, izda li huma l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F G, minn informazzjoni li tathom ommhom stess, il-konvenuta D E stess;

3. Illi mill-istess atti tat-twelid imsemmija, taht il-kolonna *Isem u Kunjom*, b’referenza ghal missier, l-esponenti, gie indikat bhala l-konvenut H B, minflok F G, u dan ghalkemm F G huwa l-missier naturali ta’ l-esponenti A B u C B;

4. Illi jekk jirrizulta li H B ma hux il-missier naturali tar-rikorrenti u jirrizulta lill-konvenut l-iehor F G huwa l-missier naturali tar-rikorrenti jehtieg li jsiru l-korrizzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid ta’ l-esponenti A B u C B numri 203/1985 u 1214/1992 rispettivament registrati mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant qed jitlobu li din il-Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, occorendo l-hatra ta’ periti nominandi u prevja kull dikjarazzjoni mehtiega skond il-Ligi :

1. Tiddikjara li l-esponenti A B u C B li twieldu fit-30 ta’ Novembru 1984 u fit-13 ta’ Frar 1992 rispettivament ma humiex il-wild naturali tal-konvenut H B;

2. Tiddikjara li l-esponenti A B u C B li twieldu fit-30 ta’ Novembru 1984 u fit-13 ta’ Frar 1992 rispettivament huma l-wild naturali tal-konvenut F G;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Atti tat-Twelid ta’ l-esponenti A B u C B li twieldu fit-30 ta’ Novembru 1984 u fit-13 ta’ Frar 1992 rispettivament, u li jigi korrett fis-sens li fil-kolonna *Isem u Kunjom* b’referenza ghal missier l-esponenti jithassru l-kliem *H B* u minflok jigi indikat il-missier naturali ta’ l-esponenti u cioe’ dak ta’ *F G* bil-konsegwenza li kunjom l-esponenti jinbidel minn *B* ghal G u billi fejn jirreferi ghall-post tat-twelid tal-missier jithassru l-kliem *Rabat, Malta* u minflok jigi indikat il-post tat-twelid tal-missier naturali ta’ l-esponent *F G* li huwa *Qormi, Malta.*

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament dwar il-mertu tal-kawza l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;
2. Illi madankollu salv ghal premess ir-rikorrenti jehtiegilhom jiddimostraw sal-grad rikjest mil-ligi li l-pussess ta' stat taghhom ma jaqbilx ma l-istat li jaghtihom l-Att tat-Twelid taghhom a tenur tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
3. Illi dejjem bla pregudizzju ghal dak fuq espost f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti, huwa essenzjali biex tintlaqa' t-tielet talba konsegwenzjali li jigu specifikati d-dettalji personali kollha ta' F G, senjatament (i) in-numru tad-dokument ta' l-Identita' tieghu, (ii) l-eta' rispettiva li kellu meta twieldu kull wiehed mir-rikorrenti, (iii) il-post tat-twelid tieghu, (iv) il-post ta' residenza li kellu meta twieldu r-rikorrenti u (v) isem u kunjom tal-missier patern u jekk dan kienx haj meta twieldu r-rikorrenti. Tali informazzjoni hija necessarja sabiex tigi inseD fl-Atti tat-Twelid tar-rikorrenti *de quo;*
4. Illi maghdud ma dan dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, il-kelmiet **'<u>the said</u>'** li jinsabu qabel isem H B, senjatament fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid 203/1984 u 1214/1992 rispettivament;
5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghalhekk huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat in-nota ta' l-atturi illi permezz taghha annettew kopja tac-certifikat tat-twelid bin-numru 3179/1953 tal-missier naturali ta' l-atturi. Irrizulta illi d-dettali ta' l-imsemmi F G huma s-segwenti : Illi huwa twieled Hal-Qormi fis-6 ta' April 1953 iben Sebastian G u martu Georgia imwielda Zahra.

Il-Qorti rat l-affidavit bix-xhieda ta' Dr Marisa Cassar u ir-rapport tad-DNA ikkonfermat bil-gurament mill-istess Dr Marisa Cassar fid-19 ta' Awissu 2011 u rat illi minn dan ir-rapport irrizulta illi mit-testijiet illi ghamlet Dr Marisa Cassar, irrizulta illi F G ID card 317953M huwa l-missier naturali ta' A B ID card 20385M u ta' C B ID card 121492M.

Illi l-Qorti rat ukoll ix-xhieda illi taw bil-gurament taghhom A B, C B u ix-xhieda ta' ommhom D E, illi ilkoll xehdu illi l-konvenut F G huwa il-missier naturali tal-atturi A B u C B.

Ikkunsidrat :

Illi il-konvenuta D E illi tigi omm l-atturi, xehdet illi meta kellha lill-uliedha, l-atturi odjerni, hija kienet mizzewga lill-konvenut H B, izda xehdet illi uliedha mhumiex ulied ir-ragel taghha, izda huma ulied il-konvenut F G u illi dejjem

qalet lill-uliedha il-veD, u cioe’ illi missierhom naturali huwa F G u mhux H B.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 82 sa 85 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jaghtu azzjoni lill-iben, jew lill-bint sabiex jezercitaw l-azzjoni ta’ tfittxija ta’ paternita. L-ulied ghandhom id-dritt illi jitolbu stat kuntrarju ghal dak li jaghtihom l-att tat-twelid taghhom meta dan l-att ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant ma tolqotx lill-ulied il-limitazzjoni li tolqot lill-persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fisika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti.

Illi mill-assem tal-provi kollha illi gew prodotti, l-atturi irnexxielhom jippruvaw illi ma ghandhomx pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid taghhom, u dana peress illi huma gew imnizzla bhala illi huma ulied H B, meta irrizulta ampjament mill-provi prodotti u specjalment mir-rapport xjentifiku tad-DNA, illi huma l-ulied naturali tal-konvenut F G.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, izda tilqa ir-raba u l-hames eccezzjonijiet tieghu, tilqa’ t-talbiet kollha attrici, u tiddikjara illi A B u C B li twieldu fit-30 ta’ Novembru 1984 u fit-13 ta’ Frar 1992 rispettivament ma humiex il-wild naturali tal-konvenut H B, izda huma il-wild naturali tal-konvenut F G u konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Atti tat-Twelid ta’ l-atturi A B u C B, fis-sens illi fil-kolonna *Isem u Kunjom* b’referenza ghal missier l-atturi jithassru l-kliem *H B* u minflok jigi indikat il-missier naturali ta’ l-atturi u cioe’ dak ta’ *F G* bil-konsegwenza li kunjom l-atturi jinbidel minn *B* ghal G u billi fejn jirreferi ghall-post tat-twelid tal-missier jithassru l-kliem *Rabat, Malta* u minflok jigi indikat il-post tat-twelid tal-missier naturali ta’ l-atturi *F G* li huwa *Qormi, Malta.* Illi

ghal dak illi jirrigwarda it-tielet eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi l-atturi specifikaw id-dettalji personali kollha ta' F G. Illi fir-rigward tar-raba eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tordna illi il-kliem **'the said"** illi jinsabu qabel isem H B, senjatament fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm ghandhom jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid 203/1984 u 1214/1992 rispettivament. Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti D E u F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------